Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 62/2008

Michael u Grace konjuġi Cassar.

**VS**

Wenzu Schembri,

Gorg Gauci,

Yvonne mart John Galea,

Marija xebba Schembri,

Joseph Schembri,

Karmenu Schembi,

Joseph Mercieca,

Carmen mart Anthony Zammit,

Doris mart Joseph Camilleri,

Georgina mart John Said,

Tonio Schembri,
Celestina mart Oliver Sciberras,

Ivana mart Francis Mizzi.

Carmel Schembri,

Gorg Schembri,

Georgina Schembri,

Joseph Schembri,

Emanuel Schembri,

Gorg Schembri,

Silvio Schembri,

Josephine armla ta’ Toni Schembri,

U b’degriet tas-16 ta’ April, 2008
George Gauci aċċetta l-bandu sabiex jiġi
Nominat kuratur deputat biex jidher għal
Imsiefra Bernarda Azzopardi;

U b’degriet tas-16 ta’ April, 2008
Joseph Schembri aċċetta l-bandu sabiex jiġi
Nominat kuratur deputat sabiex jidher għal
Imsiefa Antonia Grech;

U b’degriet tas-16 ta’ April, 2008
Emanuel Schembri aċċetta l-bandu sabiex jiġi
Nominat kuratur deputat sabiex jidher għal
Imsiefra Maria Stella sive Stella Schembri.
.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

1. Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' porzjon art imsejħa "Ta' Wied Siekel", fil-limiti ta' Fontana, Għawdex tal-kejl ta' ċirka mija u tletin metri kwadri (130 m2) u tmiss mill-punent ma' trejqa bla isem li tgħaqqad Triq tal-Għajn ma' Triq Wied Siekel, nofsinhar ma' Triq Wied Siekel u tramuntana ma' beni tal-kumpanija Ta' Frenc Real Estare Company Limited akkwistata in forza ta' tlett kuntratti fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tad-9 ta' Frar 1996 (Dokument A); tat-28 ta' Gunju 1996 (Dokument B), u tas-sittax (16) ta' Settembru 2005 (dokuent F) u liema raba hija delinejata bl-aħmar fuq il-pjanta Dokument D;

2. Illi l-konvenuti huma proprjetarji ta' porzjoni raba oħra mill-istess territorju "Ta' Wied Siekel", fil-limiti tal-Fontana, Għawdex u li hija tal-kejl ta' circa sitta u erbgħin metri kwadri (46 m2) u hi konfinanti minn nofsinhar ma' triq pubblika, punent ma' beni tal-mittenti u lvant ma' beni ta' Frenc Real Estate Company Limited jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu u liema porzjoni raba hija delinejata bil-kulur aħdar fuq l-pjanta Document D;

3. Illi l-istess konvenuti qegħdin jippretendu illi biex jgħaddu għal din il-porzjoni raba tagħhom, deskritta fil-paragrafu preċedenti u li mill-punent tmiss ma' tal-istess rikorrenti, huma għandhom dritt ta' mogħdija bir-riġel minn fuq l-għalqa tal-atturi hawn fuq deskritta mentri fil-fatt huma m'għandhomx dan id-dritt għaliex ir-raba tagħhom m'huwiex interkjuż u għandha l-faċċata tagħha affrontaġġjanti triq pubblika.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti m'għandhomx dan il-jedd minnhom pretiż.

2. Konsegwentement illi huma jiġu interdetti milli jeżerċitawh.

Bl-ispejjeż kollha iontra l-intimati, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2008 (ittra numru : 176/08) u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi maħlufa minn Michael Cassar.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċeppew illi:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi.

2. Illi l-art tal-esponenti minn dejjem kellha l-aċċess tagħha l-uniku aċċess tagħha minn fuq l-art tal-atturi u in effetti minkejja illi tmiss ma' proprjeta' pubblikia minn naħa tan-nofsinhar, in effetti dik il-proprjeta' pubblika ma hijiex triq fis-sens veru u proprju tal-liġi – iżda hija pjuttost wied. Fit-tieni lok, il-passaġġ li l-fond tal-esponenti jgawdi, u kien minn dejjem igawdi minn fuq il-fond tal-atturi huwa wieħed neċessarju għaliex hemm, u minn dejjem kien jeżisti, dislivell qawwi bejn l-art tal-esponenti u d-demanju pubbliku fuq in-naħa tan-nofsinar illi jagħmilha fiżikament impossibbli illi wieħed jaċċedi għal din l-art minn din il-proprjeta' pubblika.

3. Salvi risposti ulterjuri fid-drtt u fil-fatt.

4. Illi b'riferenza għal kull paragrafu ġuramentat tar-rikors promotur, l-esponenti għandhom is-segwenti x'jgħidu :

a. L-ewwel paragrau huwa korrett;

b. It-tieni paragrafu huwa biss parzjalment korrett għaliex il-pjanta dokument D ma turix korrettament l-art rispettiva tal-partijiet; u għaliex id-demanju pubbliku

fuq in-naħa tan-nofsinhar ma huwiex triq vera u proprja kif ukoll għaliex mhux fiżikament possibbli illi jiġi eżerċitat passaġġ għarpraba tal-esponenti minn fuq dan id-demanju pubbliku.

c. It-tielet paragrafu mhux korrett: l-aċċess għar-raba tal-esponenti minn dejjem kien jiġi eżerċitat minn fuq l-art illi tiġi aktar lejn il-majjistral tagħha minn parti segregata illi minn dejjem kienet intiża bħala passaġġ għar-raba tal-esponenti u kienet minn dejjem tintuża għal daqs hekk biss u għal ebda skop ieħor.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' George Gauci u Joseph Mercieca.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Diċembru 2008 fejn innominat lil-A.I.C. Valerio Schembri bħala perit tekniku f'din il-kawża.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku, ppreżentata fit-23 ta' Frar 2011 u minnu maħlufa fl-istess ġurnata.

Rat il-verbal tagħha tas-6 ta' April 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-konvenuti ma jgawdu ebda servitu' ta' passaġġ minn fuq ir-raba tagħhom indikata fiċ-ċitazzjoni, u konsegwentement talbu wkoll li l-konvenuti jkunu inibiti milli jeżerċitaw aċċess minn fuq din l-art tagħhom. M'hemmx dubbju li l-azzjoni ttentata mill-atturi hija l-hekk imsejjħa **azzjoni negatorja,** u dan jikkonfermawh l-istess atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet

tagħhom.[1] Jiġi mgħallem fid-dottrina legali f'dan ir-rigward illi:

"***Si dice negatoria l'azione spettante al proprietario per difendersi da quelle usurpazioni, che, senza sopprimere interamente il dominio sulla cosa…. arrecano delle limitazioni all'ezercizio del medesimo, e si dice negatoria perche' tende a negare un diritto vantato dal convenuto. L'actio negatoria, secondo l'opinione prevalente, ha luogo ogni qual volta avenga un'ingusta restrizione del diritto di proprieta'***."[2]

Fil-każ in eżami l-konvenuti mhumiex jiċħdu illi jippretendu illi għandhom dritt ta' servitu' ta' passaġġ fuq l-art ta' l-atturi. Anzi jinsistu illi ilhom żmien twil jgħaddu minn fuq ir-raba ta' l-atturi sabiex jaċċedu għar-raba pposseduta minnhom li tiġi ma' ġemb dik ta' l-atturi.

Dwar il-**provi** meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din, ikompli jingħad fl-istess opra illi:

"***Fondamento dell'azione negatoria essendo la proprieta', l'attore deve provare in primo luogo che egli e' proprietario…. In secondo luogo l'attore deve provare la sofferta restrizione del suo diritto di proprieta', per fatto del convenuto. Se questi vuole sostenere che egli aveva diritto di compiere il fatto di cui l'attore sa lagna, deve fornire la prova, poiche tale fatto limita l'esercizio del diritto di proprieta' che e' illimitato per sua natura***."[3]

L-istess jispjega **Francesco Ricci** fl-opera tiegħu "*Corso Teorico-Pratico di Diritto Civilie* (Torino ed. 1886 vol. II # 473):

"***L'azione negatoria****, come indica lo stesso nome, tende a far riconoscere la liberta' del fondo, ed escludere percio' la servitu' che altri pretenda di esercitare sul*

[1] a fol. 2 ta' l-istess Nota .
[2] Digesto Italiano vol. VIII. pt. I. pag .859 (Torino 1929); per V. Campogrande .
[3] ibid. pag. 860 .

*medesimo. Devesi proporre dal proprietario del fondo, che vuolsi far dichiarare libero, contro il proprietario del fondo, a cui profitto si pretende esercitare la servitu'…….*

*E' questione, se nell'esercizio della negatoria l'onere della prova incomba all'attore o al convenuto. La liberta' del fondo e' presunta, perche' e' una conseguenza del diritto di proprieta' competente sul medesimo; l'attore dunque ha nell'esercizio della negatoria a suo favore la presunzione, ed in conseguenza non esso, ma chi si fa a combattere tale presunzione, affaciando l'onere stabilito della servitu', ha l'obbligo di somministrare la prova*."

Fuq il-mertu, mhux kontestat li l-atturi huma l-proprjetarji tar-raba ndikata fiċ-ċitazzjoni. Jirriżulta wkoll mill-kopji tal-kuntratti annessi maċ-ċitazzjoni,[4] li l-art ta' l-atturi ġiet lilhom bis-saħħa ta' l-istess atti. Lanqas qed jiġi nnegat illi l-konvenuti huma l-proprjetarju ta' l-art adjaċenti dik ta' l-atturi, li l-konvenuti jallegaw li tgawdi aċċess minn fuq l-art ta' l-atturi.[5] Jibqa' għalhekk biss sabiex jiġi ppruvat mill-konvenuti illi tassew jeżisti dan is-servitu' ta' passaġġ a favur tagħhom minn fuq ir-raba indikata fiċ-ċitazzjoni. Kif ġie anke konfermat mill-qrati tagħna, f'**azzjoni negatorja**: "…*il-piż tal-prova tal-eżistenza ta' dak il-passaġġ jinkombi fuq il-konvenut*."[6]

Is-**servitu' ta' passaġġ** huwa klassifikat fil-liġi[7] u fid-dottrina bħala wieħed apparenti u diskontinwu; apparenti għax jidher illi terzi jkunu qed jgħaddu minn fuq art ta' ħaddiehor, u diskontinwu għax dan id-dritt ma jiġix eżerċitat il-ħin kollu. "***La servitu' di passaggio e' discontinuo pei suoi caratteri, e dalla legge e' collocata appunto fra le servitu' discontinue***."[8] Għalhekk servitu' bħal dan jista' jiġi akkwistat biss bis-saħħa ta' **titolu**.[9] "***Per titolo s'intende l'atto giuridico, formale, costitutivo di una servitu', sia esso una***

[4] Dokti. A, B u C a fol. 6 - 11 tal-process .
[5] ara pjanta u survey sheet relattiva esbiti a fol. 39, fejn l-art ta' l-atturi hija dik delinejata bl-ahmar, u dik tal-konvenuti hija dik delinejata bl-ahdar .
[6] Appell : Domenica Vella vs Giovanni Magro (kollez. vol. XLI. i. 69 .
[7] art. 455(1) u (3 tal-Kodici Civili taghna (Kap. 16) .
[8] Digesto Italiano : vol. XXI. pt. 3 pag 151 per V. Galante .
[9] art. 469(1) tal-Kap. 16 .

***convenzione gratuita od onerosa, sia una disposizione di ultima volonta': la vendita o la divisione sono le convenzioni con le quali piu' frequente si stabiliscono le servitu' prediali***."[10]

Fil-każ in eżami ma ġiet prodotta ebda prova ta' titolu da parti tal-konvenuti, li minnha jista' jingħad li oriġina dan l-allegat servitu' ta' passaġġ favur tagħhom. Anzi l-istess kuntratti msemmija mill-atturi pjuttost jimmilitaw kontra t-teżi li l-konvenuti setgħu akkwistaw dan is-servitu' bis-saħħa ta' xi titolu. Dan għaliex fl-ebda wieħed minnhom ma jissemma xejn f'dan ir-rigward.

Eċċezzjonalment pero', servitu' simili jista' jiġi akkwistat ukoll bil-**preskrizzjoni** ta' tletin sena, meta jirriżulta illi l-art dominanti hija interkjuża,[11] u din hija d-difiża ewlenija tal-konvenuti, li jippretendu li akkwistaw id-dritt ta' passaġġ b'dan il-mod. "*L-art tal-esponenti minn dejjem kellha l-aċċess tagħha u l-uniku aċċess tagħha minn fuq l-art tal-atturi*…". [12] Jirriżulta ampjament mir-relazzjoni tal-perit tekniku[13] u mill-pjanta minnu redatta,[14] illi l-art ipposseduta mill-konvenuti, għalkemm min-naħa tan-nofsinhar tmiss mat-triq/wied, fil-preżent ma' għandha l-ebda aċċess dirett għat-triq, billi minn dik in-naħa l-art tagħhom hija ċirkondata b'ħajt tas-sejjieħ għoli (0.98m) u hemm ukoll diżlivell bejn il-wiċċ ta' l-għalqa tagħhom u l-istess triq (1.30m).[15] Għalhekk biex jidħlu fiha huma jridu neċessarjament jgħaddu minn fuq l-art ta' ħaddieħor.[16]

Ġie mgħallem pero' fid-dottrina ġuridika illi sabiex jiġi akkwistat dan id-dritt ta' passaġġ bil-preskrizzjoni trentennali*:"… non dovrebbesi in generale ammettere a domandare il beneficio largito dall'articolo 682* (simili għall-art. 469(2) tagħna), *il proprietario che*

---

[10] op. cit. pag. 153 .
[11] art. 469(2) tal-Kap. 16 .
[12] ara t-tieni paragrafu tan-Nota ta' l-Eccez zjonijiet taghhom a fol. 41 .
[13] ara para. 03 u 04 a fol 104 tal-process .
[14] a fol. 112 tal-process .
[15] ibid.
[16] ara l-istess pjanta ; l-access presenti huwa mill-istess fetha li minnha jaghddu l-atturi ghall-art taghhom; dik immarkata bl-ittri "BB" fil-kantuniera "X" ta' l-ghalqa ta' l-atturi, kif -kulurita bl-ahdar fuq l-istess pjanta ; ara wkoll ritratt FNT 0101 a fol. 113 .

*volontariamente avesse lasciato il proprio fondo chiudere da ogni parte, a ragion d'esempio, col fabbricare in giusa da privarsi, per l'immediato fatto della fabbrica, del passaggio con vettura sul suolo, il quale prima della costruzione servivagli di transito per giungere alla pubblica via."* [17]

Similment il-**Pacifici Mazzoni** jghid: "*In ogni caso lo stato di chiusura del fondo non deve essere la conseguenza di un fattto compiuto o consentito dal proprietario; perciocche' allora non si verificherebbe punto la condizione della necessita' assoluta o relattiva del passaggio; occorre che esso sia l'effetto di un avvenimento indipendente dalla volonta' di lui."* [18]

Hekk ukoll il-**Baudry-Lacantinerie** jgħallem illi: "*E' dunque soltanto allorche' l'interclusione risulta da un caso fortuito, come il cambiamento del letto di un fiume, ovvero allorche' esiste da tempo immemorabile di modo che sia impossibile determinare la causa, che il proprietario del fondo interchiuso puo' reclamare il diritto di passaggio accordato dai nostri articoli. Le parti non possono far subire al vicino le conseguenze di una interclusione che risulta dal loro fatto*." [19]

Dan l-insenjament ġie wkoll applikat mil-qrati tagħna u nfatti ġie deċiż illi: "*Biex l-interkjużura ta' fond tagħti lok għall-mogħdija fuq il-fondi viċini, hemm bżonn li dik l-interkjużura tkun l-effett ta' avveniment indipendenti mill-volonta' tal-proprejtarju ta' dak il-fond."* [20]

Dan kollu jfisser illi:

(i) biex ikun hemm akkwist ta' passaġġ bil-preskrizzjoni, l-element essenzjali huwa li l-art li tkun qed takkwista dan id-dritt, tkun interkjuża u ma għandhiex aċċess għat-triq minn fuq proprjeta' oħra.

---

[17] Demolombe : Corso di Diritto Civile : vol. Vi -XI no. 605 ed. Par.
[18] Istituzioni vol. III pte. II pag. 209, n. 257 .
[19] Dei Beni pag. 815 .
[20] Prim'Awla : Francis Baldacchino et vs George Debono : 16.1.2003 ; ara wkoll : Prim'Awla : DeGiorgio vs Zammit Tabona : 15.10.1982 .

(ii) il-bżonn ta' aċċess minn fuq l-art ta' ħaddieħor trid tirriżulta minn ċirkostanzi li jkunu indipendenti mill-volonta' ta' min ikun qed jirreklama dan id-dritt; u

(iii) proprjetarju ma jistax hu stess joħloq sitwazzjoni fejn ikollu bżonn aċċess minn fuq l-art tal-viċin.

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, nsibu lill-konvenuti jallegaw illi l-aċċess għar-raba tagħhom minn dejjem kien minn fuq l-art illum ta' l-atturi. Huma fissru kif, peress li kienu ħafna komproprjetarji, ma kienx prattikabbli li din l-art tinħadem minnhom, u għalhekk bil-kunsens tagħhom għamlet żmien twil tinħadem mill-familja ta' attur. Biex jaħdmu ż-żewġ għelieqi dawn kienu jgħaddu mill-bieb preżenti,[21] u anke meta xi ħadd minnhom (il-konvenuti) kien imur jaqta' xi frott mis-siġar li kien hemm ġo l-għalqa tagħhom kien jidħol mill-istess bieb. Għalkemm huwa minnu illi l-għalqa tal-konvenuti min-naħa tan-nofsinhar tmiss mat-triq, jew aħjar parti mill-wied li ġiet reża aċċessibbli billi nksiet bil-pavimentar tal-konkos xi żmien ilu, ma jirriżultax illi qatt kien hemm aċċess għal din l-għalqa minn din in-naħa. Kif ġia ntqal, l-għalqa minn din in-naħa hija ċirkondata b'ħajt tas-sejjieħ u iżjed minn hekk hemm diżlivell bejn l-għalqa u t-triq, u jekk ma jsirux ix-xogħlijiet neċessarji, kif jindika l-perit tekniku fir-rapport tiegħu, mhux possibli li fil-preżent ikun hemm mogħdija minn din in-naħa. Terġa' ħadd ma allega li xi darba l-konvenuti, jew il-predeċessuri tagħhom fit-titolu kienu jgħaddu minn din in-naħa biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom.

Rigward il-fattur taż-**żmien** meħtieġ għall-akkwist ta' servitu' bħal din bil-preskrizzjoni, għalkemm l-attur jikkontendi illi qatt ma ra lill-konvenuti jgħaddu mill-bieb ta' l-għalqa tiegħu biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom, fid-depożizzjoni tiegħu jammetti illi: "*Jiena ilni midħla ta' din l-għalqa li illum hija proprjeta' tiegħi madwar tlieta u erbgħin (43) sena. Meta kont żgħir konna inmorru jien u ħija*

[21] dak immarkat "BB fuq il-pjanta tal-perit tekniku .

*Franky ngħinu lil Frenc Cassar, li kien jiġi z-ziju ta' missieri, Anthony Cassar. Dan Frenc Cassar kien jaħdem sewwa r-raba ta' oħtu, Roza Cassar, liema raba hija dik illum proprjeta' tiegħi, kif ukoll ir-raba li llum hija proprjeta tal-konvenuti. Meta għadda ż-żmien hija siefer u bdejt naħdem l-għalqa jien u kien jiġi jgħini missieri, Anthony Cassar. Jiena għandi tlieta u ħamsin (53) sena u qatt ma rajt f'għomri lil xi ħadd minn tal-familja Schembri, li huma l-atturi, jidħlu ġo din l-għalqa. Il-proprjetarju tagħha, Toni Schembri, ilu mejjet sebgħa u ħamsin (57) sena. Meta miet kellu ħamsa u tmenin (85) sena. Hu wiret din l-għalqa fl-1936. Dan ifisser li meta wiritha, hu kellu disgħa u sittin (69) sena. Peress illi dan kien ta' eta' avanzata ferm, dan qatt ma interessa ruħu jieħu l-pussess ta' dina ir-raba. Il-pussess ta' dina ir-raba kien f'idejn Frenc Cassar, li jiġi z-ziju ta' missieri u sewwa l-porzjon raba li illum hija proprjeta' tiegħi u il-porzjon raba li llum hija tal-konvenuti, kien jaħdimha dan Frenc Cassar.*

*Ngħid illi wara l-mewt ta' Frenc Cassar, jiena bqajt naħdimha r-raba kollhu jiena u ċioe dik illum proprjeta' tiegħi u dik tal-konvenuti. Qatt ħadd mill-werrieta ta' Toni Schembri ma resaq l'hemm għalkemm dawn kienu jafu li kont qed naħdimha jien*…". [22]

L-attur, fl-ebda mument ma ta' xi ħjiel illi biex jaċċedu għall-għalqa tal-konvenuti li kienet f'idejhom ukoll, għaż-żmien kollu indikat f'din ix-xhieda, huwa jew l-antenati tiegħu, kienu jgħaddu minn xi aċċess separat. Jirriżulta ampjament għalhekk illi l-aċċess għall-għalqa tal-konvenuti ilu jiġi eżerċitat minn fuq l-għalqa llum ta' l-atturi għal ferm iżjed miż-żmien rikjest mil-liġi.

L-atturi kkonċentraw ħafna mill-enerġija tagħhom f'din il-kawża biex jikkonvinċu lill-Qorti li l-konvenuti faċilment illum jista' jkollhom aċċess alternattiv direttament mit-triq għall-għalqa tagħhom, u nfatti l-perit tekniku anke rrelata f'dan ir-rigward. Imma kif tajjeb jirrimarkaw il-konvenuti fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet responsiva tagħhom, ġialadarba l-atturi eżerċitaw l-azzjoni negatorja, u sew il-

[22] ara affidavit tieghu a fol. 202 .

premessi kif ukoll it-talbiet tagħhom jittrattaw biss l-ineżistenza ta' servitu' ta' passaġġ u mhux it-terminazzjoni tiegħu għax m'għadux meħtieġ, il-Qorti trid neċessarjament tieqaf hawn. Jekk l-atturi xtaqu li s-servitu' ta' passaġġ li għandha l-art tal-konvenuti minn fuq dik tagħhom jiġi terminat, kellhom jeżerċitaw l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 449 tal-Kodiċi ċivili u mhux l-azzjoni negatorja, ħaġa li pero' m'għamlux. Din il-Qorti taqbel għalhekk mal-konvenuti illi kieku kellha tikkonsidra wkoll it-terminazzjoni ta' dan is-servitu' għar-raġunijiet indikati biss fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-atturi, kienet tmur *ultra petita.* Kif ġie ribadit mill-Qorti ta' l-Appell: "*Huwa prinċipju magħruf illi l-Imħallef ċivili għandu, fl-għoti tas-sentenza f'kawża, joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruħu mill-kwistjonijiet kollha dedotti fil-ġudizzju mill-partijiet, minn naħa l-oħra ma jistax jittratta u jirriżolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssolevawx u ma ssottomettewx għad-deċiżjoni tiegħu, ammeno che' non si tratta minn kwistjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imħallef hu obbligat jirrileva 'ex officio'.*" [23]

Għaldaqstant, billi rriżulta sodisfaċentement illi l-art tal-konvenuti adjaċenti għall-dik ta' l-atturi, kif deskritta fiċ-ċitazzjoni, tgawdi dritt ta' passaġġ minn fuq l-istess għalqa tagħhom, it-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[23] Angela Galea vs Grazio Borg : 1.6.2007; ara wkoll Appell Civili : Joseph Gatt vs Joseph Galea 12.07.1965; u Regina mart Francis Cacciattolo vs Francis Cacciattolo : 30.06.1976. Ara wkoll sentenzi ta' din il-Qorti, kif ippreseduta, fil-kawzi : Pauline Xerri et. v Lawrence Vella et.: 28.10.2004, u Carmela Buttigieg pro.et noe. et vs Loreta Grima : 19.4.2011 .